**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2018

**It-Tlieta 31 ta' Lulju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku ***(li telaq fis-2:00pm)***
Mark Causon – Kunsillier ***(li wasal fis-1:45pm)***
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Evelyn Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

10.1.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jagħmel minuta silenzju b'rispett lejn l-ex Sindku Joseph Demicoli li ġie nieqes fil-jiem li għaddew.

10.1.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.1.4 Il-membri waqfu għall-minuta silenzju.

10.1.5 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li għalkemm il-Kunsill ma kien hemm ebda apoloġija formali, il-Kunsill kien konxju li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet rikoverata l-isptar u għalhekk ippropona li għandha titqies li hija skużata.

10.1.6 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.1.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/2018.

10.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K7/2018 kif ippreżentati.

10.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1841/18/I** Email mingħand id-DB Group fejn talbu l'issir laqgħa urġenti mal-Kunsill dwar it-tibdil li saru fil-pjanti b'referenza għall-proġett propost u għall-oġġezzjoni tal-Kunsill.

10.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1841/18/I** fejn informa lill-Kunsill li saret il-laqgħa u kienu preżenti huwa, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

**10.3.2** ***Il-Kunsillier Mark Causon wasal fis-1:45pm.***

10.3.3 Wara li s-Sindku Dean Hili ta rendikont lill-Kunsill ta' dak l'intqal fil-laqgħa ippropona li filwaqt li l-Kunsill ser iżomm mal-pożizzjoni li għandu riservi għall-proġett propost u li qed iżomm ferm mal-oġġezzjonijiet li diġà ġew sottomessa, madanakollu l-Kunsill għandu jirrakkomanda lill-PA li f'każ li l-proġett jiġi approvat, il-ħlasijiet relatata mal-planning gain, il-Kunsill iħoss li dawn għandhom jiġu allokata lill-lokal biex itaffu għall-inkonvenjent u l-impatt negattiv li l-lokal ser ikollu minn dan l-iżvilupp.

10.3.4 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.3.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1858/18/I** Email mingħand P.E.A.S. fejn bagħtu numru ta' punti li ġew diskussa fil-laqgħa li saret it-Tlieta 17 ta' Lulju 2018.

10.3.6 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1858/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jieħu nota tas-suġġerimenti li saru u jsir pjan ta' x'jista' jsir minn dak propost fosthom fl-akwati ta' Juno Flats, bejn il-Park & Ride u Triq Sant'Andrija u l-picnic area.

10.3.7 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.3.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.3.9** ***Fis-2:00pm il-Viċi Sindku Raymond Lanzon talab li jiġi skużat u ħalla l-kamra.***

**46/1865/18/I** Ċirkulari SPI 9/2018 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali - Skema finanzjarja favur il-komunita' - Libreriji Lokali.

10.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1865/18/I** fejn ippropona li minħabba nuqqas ta' spazju t'espansjoni, l-unika possibilita' hija li jinxtraw kotba ġodda biex jinbidlu ma dawk antiki.

10.3.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.13 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill, permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill, għandu jara li jiġi upgraded il-passaġġ pedonali bejn il-Pembroke P&R u Triq Sant'Andrija f'nofs is-soft area nkluż dawk għall-istess sit, kif ukoll manutenzjoni tal-ħajt li hemm madwar Pembroke P&R, jekk jibqa' ma jsir xejn minn TM.

10.3.14 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.16 Il-Kunsillier Mark Causon talab li jsir komunikat mal-PARKS fejn tintalab laqgħa mad-Direttur il-ġdid ħalli l-Kunsill ikun jista' jara x'jista' jsir fil-lokal.

10.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare rrakkomanda li jekk il-Kunsill ikollu finanzi biżżejjed, għandha ssir manutenzjoni tal-ġibjuni pubbliċi li hawn fil-lokal.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

10.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 10.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 24/2018** - Lista ta' kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' CCTV

- **Internal Memo 27/2018** - Lista ta' kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' tabella tal-Kunsill **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 28/2018** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 09/K7/18 u 10/K7/18 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 29/2018** - Lista ta' ilmenti li rċieva l-Kunsill bejn laqgħa referenza 09/K7/18 u 10/K7/18 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 30/2018** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 09/K7/18 u 10/K7/18 **(Dok. 4)**

10.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-**Internal Memo 24/2018 (updated)** dwar kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' CCTV, fejn ippropona li tintgħażel l-offerta ta' Infinite Fusion Technologies, anke jekk din ma kienetx l-irħas offerta, fid-dawl li l-ispeċifikazzjonijiet sottomessa kienu identiċi għal dak mitlub mill-Kunsill.

10.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-**Internal Memo 27/2018** dwar kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' tabella tal-Kunsill, fejn ippropona li tintgħażel l-offerta ta' E&L Enterprises Limited abbażi li kienet l-aktar vantaġġuża meta wieħed jikkunsidra li l-prezz jinkludi wkoll it-twaħħil.

10.5.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.5.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-**Internal Memo 30/2018** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

10.5.9 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.5.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.6 Rapport Finanzjarju 2 Kwart (Apr - Ġun 2018).

10.6.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta r-rapport finanzjarju għall-perjodu April – Ġunju 2018 **(Dok. 5)** fejn talab lill-Accountant tal-Kunsill biex tagħti l-ispjega tagħha.

10.6.2 Wara li l-Accountant tat l-ispjega tagħha u fid-dawl li ma kien hemm ebda emendi proposta, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat.

10.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.6.5 *Fis-2:20pm l-Accountant Romina Perici Ferrante talbet li tiġi skużata u ħalliet il-kamra*

## 10.7 Tiġdid ta' kwotazzjoni 2016/02 – Servizz ta' fattiga.

10.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-kwotazzjoni 2016/02 tiġi estiża għall-perjodu ta' sena oħra.

10.7.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.8 CoA 2018/01 - Professional Services of Junior Science Club Animators.

10.8.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ladarba l-ko-ordinatur preżenti wera x-xewqa li ma jkomplix, il-Kunsill kien mitlub li jerġa' jagħmel sejħa pubblika, u għalhekk ippropona li tiġi ratifikata l-azzjoni diġa meħuda biex tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.9 Attivita' Colour My Run 30/09/2018.

10.9.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mar-rappreżentanti u l-promoturi ta' din l-attività fejn kellhom jiġu lura b'dettalji u garanziji li ser jagħtu vis-a-vis l-attività proposta, xi ħaġa li għad ma saritx minnaħa tagħhom. Fid-dawl ta' dan il-kelliem staqsa jekk il-Kunsill kienx favur li tali attività terġa' ssir fil-lokal.

10.9.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ippropona li jekk kemm il-darba l-organizzatur jerġa' javviċina lill-Kunsill, dan għandu jintalab jipprovdi garanzija bankarja a favur il-Kunsill biex tkopri n-nuqqas li jista' jkun hemm.

10.9.3 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.10 Attivita' Halloween 2018.

**46/1785/18/I** Email mingħand Inline Management fejn b'referenza għal-attività tal-Halloween, f'rapport preliminari nformat lill-Kunsill li għandu jkun hemm fire engine u ambulanza fuq l-post u possibbilment jinstab sit alternattiv peress li l-post ma jiflaħx għall-ammont ta' nies li kien hemm is-sena li għaddiet u li ma jintużawx xemgħat iżda minflok jintużaw dawk li jaħdmu bil-batterija.

10.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-email tal-Health & Safety Officer fejn ippropona li l-Kunsill iqabbad ko-ordinatur biex jikkordina dak kollu li ser ikun hemm ikun abbażi tar-rapport tal-Health & Safety u jkun huwa li għandu jara li jiġu osservata l-ħtiġijiet kollha legali waqt l-attività.

10.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.11 Proposta mingħand Malta Textile Recycling.

**46/1787/18/I** Email mingħand Recycling Malta Textiles fejn bagħat l-agreement u l-poster bil-ġranet tal-ġbir sabiex jitqassam fil-lokal.

**46/1924/18/I** Email mingħand Refab Blue Ltd. fejn talab sabiex jiżdiedu l-bins tal-ħwejjeġ fil-lokal u jekk huwa possibbli jibda servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ minn wara l-bibien.

10.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-laqgħa li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kellhom mas-sur Ahmed Amer minn Malta Textile Recycling fejn informa lill-Kunsill li l-kumpanija kienu tal-opinjoni li jkun aktar ta' servizz jekk il-ħwejjeġ għar-riċiklaġġ jinġabru minn wara l-bieb tan-nies. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li jiġi iffirmat kuntratt mas-sur Amer kif propost.

10.11.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għat-talba ta' Refab Blue Ltd. fejn ippropona li għandhom jiġu nfurmata li l-Kunsill diġà ikkonkluda ftehim simili ma' kumpanija oħra u għalhekk ma jarax il-ħtieġa li jkun hemm kuntratt ieħor simili.

10.11.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.11.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.12 Dawl Ġnien Clifford Micallef.

**46/1832/18/I** Kwotazzjoni mingħand Mica Med ta' €7,616.90 għal dawl ġdid fil-Ġnien Clifford Micallef.

10.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li skont il-kuntrattur tal-Kunsill Mica Med Limited, fi Ġnien Clifford Micallef hemm problema li d-dawl mhux qed iżomm minħabba ħsarat li hemm fl-arbli u l-bollards. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien tal-opinjoni li l-aħjar soluzzjoni hija li jiġu eliminata l-bollards u l-lampi l-antika u minflok isiru low whip type street lighting, ladarba d-dawl kollu preżentement jinsab imqabbad mas-sistema ta' street lighting. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-Ingin. tad-dawl tar-Regjun biex jipprepara rapport tal-ħsarat li hemm u joffri soluzzjoni qabel tittieħed deċiżjoni ulterjuri.

10.12.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda u żied li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq FX Caruana dwar il-ħsara li hemm u x'passi x'ser jieħu l-Kunsill.

10.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.13 Skeda tal-ġbir ta' skart fil-lokal.

10.13.1 Wara diskussjoni li kien hemm, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejja l-Kunsill ser ikollu laqgħa ma' Wasteserv dwar il-policy l-ġdida għall-ġbir ta' skart. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jitlob lill-Wasteserv biex il-ġbir tal-iskart organiku jibda jsir nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa, GreenPak jintalbu jżidu b'ġurnata oħra l-ġbir tal-borża l-ħadra u għalhekk tiġi nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa filwaqt li l-borża s-sewda tibda' tinġabar nhar ta' Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt. Il-kelliem irrimarka wkoll li minħabba dan il-proċess, jaf ikun hemm il-ħtieġa li l-iskips tal-iskart ikollhom jitneħħew kollha mill-lokal, u b'hekk l-iskart jibda jinġabar kollu minn wara bieb ir-residenti.

10.13.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

10.14.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6, 7, 8, 9 u 10)**

10.14.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata nkluż l-aġġustamenti proposta.

10.14.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.14.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.15 Mozzjonijiet.

10.15.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 10.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.16.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Awwissu 2018 fis-1:30pm.

Konfermati, llum 28 ta' Awwissu, 2018

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**